## FIT-TBERIK TAL-GROTTA TA' LOURDES FIL-HAWLI

*Ta'* Brother Henry

Hemm, tħares fuq il-wied, ja Grotta kbira,
Xhieda ta' mħabba lejn Sidtna Marija!
Fejn dari l-Ħawli: blat u art wisq fqira,
Il-lum bin-nies, bit-tfal, bil-ward mimlija.

U meta titla' x-xemx fuq din il-Gżira,
U lilek tħaddan... tbus il-ward kennija,
Nistħajlek ġenna żgħira... għelm... tifkira
Li tibqa' f'qalbi ssaltan waħdanija.

Kemm għad quddiemek tiġi nies kotrana
Titlob għajnuna, faraġ, ferħ jew ħniena,
Imbagħ'd lejn darha tarġa' tmur ferħana.

O Grotta mqaddsa, fil-Ħawli, sabiħa,
Kun inti l-kenn tat-tajbin u l-ħżiena;
Oħroġna fuq l-egħdewwa lkoll rebbieħa!

---

## LILL-MADONNA ASSUNTA

*(B'Tifkira tad-Domma tat-Tlugħ fis-Sema Tagħha, 1. 11. 1950)*

*Ta'* M. Agius

Tifħir u ġieħ ġibitlek, O Madonna,
Id-Domma tat-tlugħ tiegħek ġewwa s-sema
Bir-ruħ u l-ġisem; ħu għalhekk mill-ġonna
Ta' qalbna l-ward maħsul ukoll b'xi demgħa.

Imħabba lejk: imħabba bħala ommna
Jixhed id-dmugħ u l-ferħ f'qalb il-miġemgħa
Tagħna l-insara li sal-lum minn fommna
Il-ħelu ismek għadu ħadd ma rema.

Santa Marija lilek tajna qima
Ġol-Gżejjer tagħna meta sirna nsara:
Emminna kmieni Tlugħ is-Sema Tiegħek!

Santa Marija lilek it-tislima
Minn qalbi nagħti u għinni ħalli nara:
'L Alla u Lilek hemm fis-sema miegħek!

Villa Lija.



## IN MEMORIAM — MISS MAY BUTCHER

B'għafsa ta' qalb inħabbru l-mewt ta' **Miss May Butcher** li ġrat għal għarrieda fil-21 ta' Diċembru, fl-Isptar tal-Blue Sisters.

**Miss May Butcher** tibqa' fil-moħħ tal-Membri tal-Għaqda mhux biss bħala waħda minn seħbithom, iżda l-iktar ukoll bħala waħda mill-aqwa figuri sbieħ fl-Istorja tal-Għaqda għax-xogħol li ħadmet għall-Malti, u l-iktar f'moħħ dawk il-membri ewlenin li magħhom fix-xogħol tagħha għall-ġid tal-progress tal-Lsien Malti kellha rabta kbira. L-istudju letterarju tal-Lsien Malti kien għaliha wieħed mill-aqwa mogħdijiet ta' żmien li fih ħliet il-ħeġġa kollha ta' saħħitha f'dawn l-aħħar sittax-il sena li damet fostna.

L-ewwel ħajra li tnisslet fiha meta waslet hawn Malta fl-1932 kienet li tistudja l-Malti bil-ħsieb li tikteb Grammatika tal-Malti bl-Ingliż għal dawk l-Ingliżi li jixtiequ jitgħallmu jiktbu u jitkellmu bil-Malti, u, nistgħu ngħidu, li bil-ħrara, studju u leħħa tagħha dan ix-xogħol irnexxielha tagħmlu u tippubblikah wara sitt snin bit-tipi ta' l-Istamperija ta' l-Università ta' Oxford.

Barra mix-xogħol tal-Grammatika, hija kienet dlonk tindaħal biex tgħin lill-imseħbin tal-Għaqda fit-traduzzjonijiet tax-xogħlijiet tagħhom, fosthom insemmu t-traduzzjoni bl-Ingliż ta' *Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu*, kif ukoll ta' versi maltin, fosthom *Il-Jien u Lilhinn Minnu* ta' Dun Karm u *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ta' A. Cremona, li kien l-aħħar xogħol kolossali tagħha li laħqet temmet xi tliet xhur ilu. Il-qarrejja tas-"Sundial" ta' l-Università nistħajlu li għadhom kif qraw fl-aħħar ħarġa ta' din ir-rivista t-traduzzjoni tal-prologu ta' dan ix-xogħol magħmul bl-akbar reqqa u teknika mill-pinna tagħha. Fost ix-xogħlijiet l-oħra li ħadmet **Miss Butcher** u li bih uriet il-ħeġġa tagħha għall-kitba Maltija huwa x-xogħol ta' traduzzjoni ta' ktieb mill-Ġermaniż għat-Tfal li ħallietu manuskritt.

Il-ħidma għall-Malti ta' **Miss Butcher** tibqa' fuq hekk fi ħdan il-Għaqda l-egħżeż tifkira li ma għandha tintesa qatt, l-iktar meta nġibu quddiem għajnejna illi biex taqdi lil ħbiebha tal-Għaqda fix-xogħlijiet tagħhom kienet saħansitra twarrab ix-xogħlijiet tagħha privati u tissagrifika żmienha u saħħitha.

Jalla l-ħidma tagħha għall-Malti sservi ta' eżempju u ta' ħeġġa għal dawk kollha li jixtiequ l-ġid tal-Malti.